MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 914/2000/1

**Fogg Insurace Agency Limited u dina ghan-nom u in rappresentanza tas- socjeta' estera Avon Insurance plc**

**vs**

**Dante Grech u Kenneth Grech**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut Dante Grech kien assigurat mas-socjeta' attrici nomine biex tkoprilu l-vettura tieghu tal-marka Ford Fiesta bin- numru ta' registrazzjoni R-2493 liema vettura, ai termini tal- kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni,

setghet tinstaq biss minn persuni li ghalqu il-hamsa u ghoxrin sena;

Illi l-konvenut l-iehor Kenneth Grech, li kien ghadu ma ghalaqx il- hamsa u ghoxrin sena, utilizza l-istess vettura u habat biha fil-5 ta’ Marzu 1995 u kkawza danni lill James Zammit u Graziella Veneziani, bil- konsegwenza illi ai termini tal-Kapitolu 104 tal- Ligijiet ta’ Malta u b’rizultat tas-sentenza moghtija minn din il- Qorti fid-29 ta’ Marzu 1999 fl-ismijiet James Zammit et vs Kenneth Grech, is-socjeta’ attrici nomine kellha thallas is- somma ta’ Lm11465.45 (hdax il-elf erba’ mija u hamsa u sittin lira u hamsa u erbghin centezmu);

Illi l-uzu tal-istess vettura da parte ta’ Kenneth Grech imur kontra il-kondizzjonijiet tal-istess polza ta’ assigurazzjoni u ghalhekk l- agir tieghu u dak tal-konvenut l-iehor Dante Grach li ppermettielu li jutilizaha kkawzaw danni lis-socjeta’ attrici nomine, li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

Illi l-konvenuti interpellati sabiex jindennizzaw lis-socjeta’ attrici, naqsu milli jaghmlu dan;

Illi ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli versu s-socjeta attrici nomine ghas-somma minnhom sborsata ta' Lm11465.45 (hdax il-elf erba’ mija u hamsa u sittin lira u hamsa w erbghin centezmu) oltre l-imghax mid-data tal-pagament;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex dina l-Qorti, m’ghandiex:-

(1) tiddikjara illi l-konvenut Kenneth Grech utilizza l-vettura Ford Fiesta numru R-2493 appartenenti lil Dante Grech meta dan ma kienx kopert bil-polza ta’ assikurazzjoni da parte tas-socjeta’ attrici nomine

(2) tiddikkjara li l-konvenut Dante Grech zbalja meta ma hax dawk il-prekawzjonijiet necessarji sabiex Kenneth Grech ma jutilizzax il-vettura tieghu stante illi ma kienx kopert bil-polza ta’ assikurazzjoni da parte tas-socjeta’

attrici nomine u konsegwentement huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine u dan stante li gew vjolati il- kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni;

(3) tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine b' risultat tal-imsemmija kollizzjoni fl-ammont ta' Lm11465.45 (hdax il-elf erba' mija u hamsa u sittin lira u hamsa w erbghin centezmu) li gew imhallsa mis- socjeta' attrici nomine u

(4) tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici nomine s-somma fuq indikata ta' Lm11465.45 (hdax il-elf erba' mija u hamsa u sittin lira u hamsa w erbghin centezmu) in linea ta' danni – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri legali tad- 9 ta' Dicembru 1999 u tad-9 ta' Frar 2000 u dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10 kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament is-socjeta' attrici trid tipprova illi l- polza ta' assigurazzjoni u l-kunidzzjonijiet kollha tal-istess polza u li taghmel referenza ghaliha fic-citazzjoni taghha huma nkonformi mall-ligi tal- Assigurazzjoni u tistipula dak illi qieghed jinghad fil-konfront tal- konvenuti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut Dante Grech ma kellu u lanqas ghandu ebda responsabilita ghall- incident li sehh fil-5 ta' Marzu 1995 u dan peress illi huwa ma kellu ebda participazzjoni effettiva fl-incident imsemmi f' dina l- kawza;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost waqt l- prosegwiment tal-kawza “James Zammit et vs Kenneth Grech” li ghaliha taghmel referenza s-socjeta’ attrici din tal- ahhar dejjem giet infurmata bl-andament tal-istess kawza u qatt ma b’xi mod cahdet jew renegat mill-obbligi taghha fil- konfront tal-konvenuti Dante Grech u Kenneth Grech;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li diga nghad aktar il- fuq s-socjeta attrici naqset tavvza jew tgharraf kemm lill- konvenut Dante Grech li fuq ismu harget il-polza ta’ assigurazzjoni kif ukoll lill-Kenneth Grech illi l-polza ta’ assigurazzjoni kienet tkopri biss persuni illi ghalqu l-hamsa u ghoxrin sena. In oltre trid tipprova li effettivament hija kienet hadet dawk il- passi kollha kontemplati fil-ligi sabiex il-konvenuti jkunu akkonoxxenza tal-obbligi u drittijiet taghhom fl-imsemmija polza ta’ assigurazjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ April 2001 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li s-sewwieq tal-karozza in kwestjni fl-incident in kwestjoni cioe’ tal-5 ta’ Marzu 1995 kien il-konvenut Keneth Grech li fiz-zmien li sehh l-incident kellu dsatax (19) il-sena;

Rat l-affidavit tal-konvenut Dante Grech;

Semghet lill-konvenut Keneth Grech;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-konvenuti;
Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenbti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici, li hi socjeta assikuratrici, tippremetti li l-konvenut Dante Grech kien assigura maghha l-vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni R-2493. Ai termini tal-kondizzjonijiet tal-polza relattiva l-imsemmija vettura kienet koperta b'assiurazzjoni biss meta tinstaq minn persuni li ghalqu il-hamsa u ghoxrin (25) sena;

Is-socjeta attrici tkompli tippremetti li l-konvenut l-iehor Kenneth Grech, li kien ghadu ma ghalaqx il- hamsa u ghoxrin sena, kien involut f'habta bl-istess karozza fil-5 ta' Marzu 1995 u kkawza danni lill James Zammit u Graziella Veneziani. Skond il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u b'rizultat tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet "James Zammit et vs Kenneth Grech" is-socjeta' attrici kellha thallas is-somma ta' hdax il-elf erba' mija u hamsa u sittin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm11465.45). Dan l-uzu tal-imsemmija vettura da parti tal-konvenut Kenneth Grech imur kontra il-kondizzjonijiet tal-imsemmija polza ta' assigurazzjoni u ghalhekk l-agir tal-istess konvenut Kenneth Grech u tal-konvenut l-iehor Dante Grach, li ppermetta l-uzu tal-vettura, kkawza danni lis-socjeta' attrici ghall-liema danni huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li jigi dikjarat li l-konvenut Kenneth Grech utilizza l-vettura in kwestjoni meta ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni in kwestjoni. Qed titlob ukoll li jigi dikjarat li l-konvenut Dante Grech zbalja meta ma hax dawk il-prekawzjonijiet necessarji sabiex Kenneth Grech ma jutilizzax il-vettura in kwestjoni u li hu responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine u dan stante li gew vjolati il-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni. Talbet ukoll li jigu likwidati dawn id-danni fl-ammont ta' Lm11465.45 (hdax il-elf erba' mija u hamsa u sittin lira u hamsa w erbghin centezmu) u li l-konvenuti, jew minn minnhom, jigu kundannati ihallsu d-danni hekk likwidati;

Il-konvenuti qed jeccepixxu li preliminarjament is-socjeta' attrici trid tipprova illi l-polza ta' assigurazzjoni u l-kundizzjonijiet hemm kontenuti huma nkonformi mall-ligi

tal-Assigurazzjoni u li in effett l-istess polza tistipula dak illi qieghed jinghad fil-konfront tal- konvenuti;

Jeccepixxu ukoll li l-konvenut Dante Grech ma kellu u lanqas ghandu ebda responsabilita ghall-incident li sehh fil-5 ta’ Marzu 1995 u dan peress illi huwa ma kellu ebda participazzjoni effettiva fl-incident imsemmi f’dina l-kawza. Inoltre jeccepixxu li waqt l-prosegwiment tal-kawza “James Zammit et vs Kenneth Grech” l-istess socjeta attrici dejjem giet infurmata bl-andament tal-istess kawza u qatt ma b’xi mod cahdet jew renegat mill-obbligi taghha fil-konfront tal-konvenuti. Inoltre s-socjeta attrici naqset li tavza jew tgharraf kemm lill- konvenut Dante Grech li fuq ismu harget il-polza ta’ assigurazzjoni kif ukoll lill-Kenneth Grech illi l-polza ta’ assigurazzjoni kienet tkopri biss persuni illi ghalqu l-hamsa u ghoxrin sena u s-socjeta attrici trid tipprova li effettivament hija kienet hadet dawk il-passi kollha kontemplati fil-ligi sabiex il-konvenuti jkunu akkonoxxenza tal-obbligi u drittijiet taghhom fl-imsemmija polza ta’ assigurazjoni;

Il-partijiet jaqblu li fl-imsemmi incident stradali li sehh fil-5 ta’ Marzu 1995 il-konvenut Kenneth Grech kien qed isuq l-imsemmija vettura tal-konvenut l-iehor Dante Grech u li dak iz-mien l-istess konvenut Keneth Grech kellu biss dsatax (19) il-sena u ghalhekk ma kienx ghadu ghalaq il-hamsa u ghoxrin (25) sena ;

Rigward l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandu jigi rilevat li li jirrizulta li l-polza ta’ assigurazzjoni in kwestjoni tinkorpora l-kondizzjonijiet kollha kif tippretendi s-soocjeta attrici u inoltre ma jirrizulta xejn irregolari jew kontra l-ligi f’dawn l-istess kondizzjonijiet. Il-kwestjoni hawn mhux jekk il-konvenut Dante Grech kellux x’jaqsam jew le fl-incident li sehh fil-5 ta’ Marzu 1995. Is-socjeta attrici qed tippretendi li sofriet danni minhabba l-agir tal-istess konvenut meta ppermetta li l-karozza in kwestjoni tinstaq minn ibnu. Il-kwestjoni dwar jekk is-socjeta attrici kinitx qed tigi infurmata dwar l-andament tal-imsemmija kawza “James Zammit et vs Kenneth Grech” hi kwestjoni irrilevanti ghal finijiet ta’ dawn il-proceduri;

In effett il-konvenuti qed isostnu li huma kienu biddlu l-kondizzjonijiet tal-polza sabiex il-konvenut Kenneth Grech ikun kopert meta jsuq il-karozza in kwestjoni. Huma isostnu pero’ li dan il-fatt ma giex rikonoxxut mis-socjeta attrici li qed issostni li ma kienx hemm kopertura tal-polza ghar-rigward tal-incident fejn kien involut l-istess konvenut Kenneth Grech. Din is-sottomissijoni tista tirrientra f’dak li gie eccepit fl-ahhar eccezzjoni tal-konvenuti. Pero’ ghandu jinghad dwar din l-ahhar eccezzjoni li ma hemmx ghalfejn li s-socjeta attrici tgharraf lill-konvenuti bil-kondizzjonijiet tal-polza. Il-konvenuti kienu jafu ben tajjeb x’kienu dawn il-kondizzjonijiet u tant hu hekk li huma isotnu li biddlu dawn il-kondizzjonijiet. Il-konvenuti pero’ qed isotnu li huma kienu biddluhom dawn il-kondizzjonijiet u sa fejn jafu huma l-konvenut Kenneth Grech kien kopert meta saq il-karozza in kwestjoni;

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut Dante Grech kien assigurat mas-socjeta attrici ghar-rigward tal-imsemmija karozza. Din l-assikurazzjoni kienet “Third Party Fire & Theft”. Kondizzjoni ta’ din il-polza kienet li l-karozza setghet tinstaqq biss minn persuni li ghalqu l-hamsa u ghoxrin sena;

Il-konvenut Dante Grech ikkonferma li meta ibnu, l-konvenut l-iehor Kenneth Grech, gab il-licenza tas-sewqan, huwa mar ghand is-socjeta attrici sabiex jirranga l-polza tal-assigurazzjoni in kwestjoni sabiex l-istess ibnu jkun kopert bil-polza meta jsuq il-karozza. Huwa kkonferma li rid li t-tifel tieghu jigi inkluz fil-polza bhala sewwieq taht il-25 sena;

Il-konvenut qal li meta mar ghand is-socjeta attrici biex jghamel dan kollu sab skrivana li hu ma jiftakarx minn kienet izda li kien jgharaf jekk jerga jarah. Huwa qal li meta ghamel l-imsemmi tibdil huwa hallas xi differenza bhala premium. F’dan ir-rigward huwa esibixxa zewg ricevuti li jindikaw hlas f’somom differenti ghar-rigward tal-premium tal-polza in kwestjoni. Ghal-ewwel huwa kien ihallas bhala premium Lm23.55 u sussegwentement hallas Lm54.63. Din l-ahhar ricevuta pero’ iggib id-data ta’ wara li sehh l-incident stradali in kwestjoni;

Il-konvenut l-iehor Kenneth Grech qal li meta ha l-licenza tas-sewqan missieru kien qallu li kien kopert bil-polza tal-assikurazzjoni u ghalhekk seta jsuq il-karozza in kwestjoni;

Mill-provi kollha prodotti u mir-rizultanzi l-Qorti hi sodisfatta li l-konvenuti kienu qed jemmnu li l-konvenut Kenneth Grech kien in effett kopert bil-polza tal-assikurazzjoni in kwestjoni. Hawn hekk si tratta ta kawza' ghad-danni li s-socjeta attrici qed tippretendi minhabba l-fatt li l-konvenuti ma ghadux ghal kondizzjonijiet tal-polza fis-sens li l-konvenut Kenneth Grech saq il-karozza in kwestjoni meta ma kienx kopert bil-polza u li l-konvenut l-iehor ippermetta dan kollu. Jirrizulta sufficjentement li l-konvenuti ma kellhom ebda intenzjoni li b'xi mod jirrekaw danni lis-socjjeta attrci peress li l-istess konvenuti kienu zguri li l-polza kienet tkopri ukoll lill-konvenut Kenneth Grech. Ghalhekk hu minnu li l-konvenut Kenneth Grech saq il-karozza in ,kwestjoni u kien involut fl-imsemmi incident stradali, pero' hu minnu ukoll li l-istess konvenut Kenneth Grech kien konvint li hu kien kopert bil-polza in kwestjoni. Hu minnu ukoll li l-konvenut Dante Grech ippermetta lill-ibnu isuq il-karozza in kwestjoni pero' anke dan il-konvenut kien konvint li kien hemm il-kopertura tal-assikurazzjoni;

In effett jirrizulta li meta l-konvenut Dante Grech ghamel il-claim l-ghada li sehh l-imsemmi incident stradali huwa mill-ewwel iddikjara li s-sewwieq tal-karozza tieghu kien ibnu l-konvenut l-iehor Kenneth Grech li kien ghad ghandu biss dsatax il-sena. Ghalhekk il-konvenut Dante Grech ma ghamel l-ebda tentattiv biex jahbi dak li kien verament sehh in konnessjoni mal-imsemmi incident stradali. Dan kollu jindika li l-konvenut kien verament konvint li l-polza kienet tkopri ukoll lill-ibnu bhala sewwieq tal-karozza tieghu;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti peress li ma jirrizukltawx sufficentement pruvati;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

In vista tan-natura partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------